# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 19

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

Il-Ħamis 14 ta' Frar 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fis-6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal li ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija sabiex tiġi ppreżenta għal din il-laqgħa.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 18 li saret nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

19.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta mill-Viċi Sindku u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku tal-Gżira, mis-Sur Conrad Borg Manche.

## 19.3 Komunikazzjoni mill-President

19.3.1 Il-President qal li ma kellu l-ebda komunikazzjoni min-naħa tiegħu.

## 19.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

19.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

19.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

19.4.3 Il-President issuġġerixxa li items numru 19.5 u 19.6 jiġu diskussi lejn l-aħħar tal-laqgħa. Għal din ir-raġuni l-President mexa għal item numru 19.7.

## 19.7 Approvazzjoni tal-Vakanza ta' *Accounts Officer* (Skala 13)

19.7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif wara l-laqgħa preċedenti l-bord kompost mis-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Anthony Chircop u s-Sur Dominic Cassar fil-preżenza tas-Sinjura Jeanette Galea, iltaqgħu nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019 sabiex isiru l-intervisti lit-tliet applikanti. Ftit qabel ma bdew l-intervisti, wieħed mill-applikanti nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma kienx ser jattendi minħabba li kien jinsab ma' jiflaħx. Wara li ġew intervisti ż-żewġ applikanti, il-bord unanimament iddeċieda li għandha tintagħżel is-Sinjura Marthese Camilleri.

19.7.2 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 19.8 Sejħa għal Servizz ta' Accountant għar-Reġjun

19.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa, il-bord iltaqgħa biex jikkonkludi l-evalwazzjoni nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 2019 pero dan ir-Reġjun irċeiva komunikazzjoni mid-DLG fejn ġie infurmat kif peress li "għaddej il-proċess tar-riforma għall-Gvern Lokali, qed jiġi propost diversi tibdiliet sabiex isir tiġdid fil-qasam kollu tal-Gvern Lokali. Bħala parti minn dan it-tiġdid, il-Kumitati Reġjonali għandhom, sakemm ir-riforma tiġi konkluża, u sakemm tkunu infurmati mod ieħor, ma jiġux pubblikati aktar sejħiet għall-offerti u/jew jiġu iffirmati kuntratti li jeffettwaw il-Kunsilli Lokali kollha li jiffurmaw parti mill-istess Kumitat Reġjonali."

19.8.2 Il-President spjega kif minħabba din ir-raġuni is-Segretarju Eżekuttiv talbet kjarifika dwar dan ir-rigward mid-DGL fejn ġie komunikat li għalissa din is-sejħa għanda tinżamm pendenti sakemm ikun hemm komunikazzjoni oħra.

19.8.3 Madankollu, qed titressaq il-kwotazzjoni provduta mill-kumpanija li fil-preżent qed tagħti dan is-servizz, sabiex il-kumpanija tiprovdi dan is-servizz għal tliet xhur oħra.

19.8.4 Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, issuġġerixxa li din tiġi vverifikata mad-dipartiment peress li l-prezz għandu jibqa' l-istess minħabba li qed jiġi estiż l-kuntratt.

19.8.5 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 19.9 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Data Protection Officer (DPO)*

19.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda e-mejl mingħand id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, sabiex kull Reġjun kif ukoll Kunsill Lokali jahtar Data Protection Officer. Peress li din il-persuna għandha tkun impjegata li qedha fl-għola skala fi ħdan ir-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv appuntat lis-Sinjorina Lydia Zammit sabiex tkun id-DPO fuq bażi temporanja.

- *Sejħa għal Servizz ta' DPO*

19.9.2 Il-President ressaq fuq il-mejda e-mejl relatata mas-suġġet tad-Data Protection Officer mingħand l-AKL fejn waqt il-laqgħa ta' l -AKL li nżammet nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar 2019 ġie deċiż li kull Reġjun għandu joħroġ sejħa f'isem il-Kunsilli Lokali taħt kull Reġjun sabiex ikun hemm is-servizz ta' DPO.

19.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet kjarifa mas-Sur Fava peress li id-DGL kien ingħata struzzjonijiet li r-Reġjuni m'għandhomx joħorġu servizzi. Infatti is-sejħa li kien ħareġ dan ir-Reġjun għas-servizz ta' Accountant kellha tiġi mwaqfa sakemm issir ir-riforma. Is-Sur Fava talab lis-Sur Natalino Attard li għandu jkun hemm eċċezzjoni fuq din it-talba u is-Sur Attard laqa din it-talba. Għalhekk, jekk il-Kunsilli Lokali jaqblu, dan ir-Reġjun ghandu jipprepara din is-sejħa f'isem ir-Reġjun kif ukoll il-Kunsilli Lokali li jagħmlu parti minnu.

19.9.4 Il-President ippropona sabiex is-Segretarju Eżekuttiv titlob kjarifikazzjoni mingħand is-Sur Attard dwar x'baġit għandu wieħed j'alloka għal din is-sejħa, jekk hux possibli jkun hemm sejħa standard bejn il-ħames Reġjuni, kif ukoll jekk din l-ispiża hux ħa tkun dejjem fuq ir-Reġjun jew jekk kull Kunsill Lokali għandux iħallas il-ħlas rispettiv tiegħu.

- *Talba għal Ħlas*

19.9.5 Il-President ressaq fuq il-mejda ittra mingħand l-avukat Dott. Richard Sladden dwar servizz legali li hu provda fuq 74-il każ ta' appel. Dan is-servizz sar mill-2011 sa llum il-ġurnata.

19.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li hi ma kellha l-ebda informazzjoni dwar dan is-servizz u kif qatt ma kienet irċievet rapport dwar dawn il-każijiet. Għal din ir-raġuni hi talbet l-approvazzjoni tal-membri sabiex ir-Reġjun jingħata parir legali mid-Dipartiment qabel ma' dan il-pagament ikun jista' jinħareġ.

19.9.7 Il-President talab sabiex is-Segretarju Eżekuttiv iġġib ir-rapporti meħtieġa mingħand Dott. Sladden kif ukoll jaqsam il-pagamenti skond is-sena u mhux jinħareġ total f'*invoice* waħda.

19.9.8 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Deputat Segretarju Eżekuttiv*

19.9.10 Il-President ressaq e-mejl mingħand id-DLG sabiex is-Sinjura Marica Mifsud terġa tkun konfermata bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun Ċentru.

19.9.11 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2019*

19.9.12 Il-President ressaq fuq il-mejda e-mejl mingħand is-Sra. Anna Vella mid-Divizjoni tal-Gvern lokali fejn dan ir-Reġjun ġie nfurmat bl-ammont ta' l-ewwel allokazzjoni għas-sena 2019. Huwa spjega kif nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2019 dan ir-Reġjun ingħata l-ammont ta' €260,418.34 għal perjodu minn Jannar 2019 sa Mejju 2019.

19.9.13 Il-President qal ukoll li peress li r-rifoma għadha ma daħlitx fis-seħħ, ir-Reġjuni għad m'għandhom l-ebda linji gwida ta' kif dawn il-fondi għandhom jiġu wżati.

- *URBACT*

19.9.14 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 fuq il-progamm URBACT fejn għaliha kienet preżenti is-Sinjura Carla Ciscaldi (mill-EMCS Ltd.).

19.9.15 Il-President qassam karta b'sommarju dwar dan il-programm lil kull membru preżenti f'din il-laqgħa u ssuġġerixxa sabiex ir-Reġjun jipprova jissottometti applikazzjoni.

19.9.16 Kien hemm qbil unanimu dwar dan bejn il-membri preżenti.

- *SPI/SCI/1/2019*

19.9.17 Il-President għamel referenża għal din iċ-ċirkurlari bl-isem 'Inizjattiva ta' Għajnuna għall-Korsijiet Life Long Learning 2019/2020'. Hu spjega kif sfortunatament dan ir-Reġjun ma jistax japplika minħabba li r-Reġjun m'għandux sala adekwata fejn dawn il-korsijiet ikunu jistgħu jinżammu.

19.9.18 ***18:40pm – il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, flimkien mas-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, waslu għal din il-laqgħa.***

- *SPI/SCI/2/2019*

19.9.19 Il-President għamel referenża għal din iċ-ċirkurlari bl-isem 'It-taqsam tal-ħin u l-flus għall-ġid ta' Saħħtek iffinanzjat' mill-PWC b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa. Huwa ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex jieħdu nota ta' din iċ-ċirkulari u jikkordinaw laqgħa fil-lokalita' rispettiva tagħhom.

- *SPI/SCI/3/2019*

19.9.20 Il-President għamel referenża għal din iċ-ċirkurlari bl-isem 'Fond għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Hu spjega kif għalkemm din iċ-ċirkulari ma tapplikax għar-Reġjuni, il-Kunsilli Lokali għandhom jieħdu nota ta' din iċ-ċirkulari.

19.9.21 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Baldacchino Cefai, talbet aġġornament fuq il-pubblikazzjoni tal-ktieb.

19.9.22 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif il-ktieb huwa kważi lest u nforma lill-membri li fil-laqgħa li ġejja ser ikun hemm aktar informazzjoni dwar il-*book launch* uffiċċjali.

19.9.23 Peress li l-membri preżenti esprimew li għandu jkun hemm ritratt tal-membri kollha flimkien f'din il-pubblikazzjoni, is-Sur Fenech Adami talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tkellem lill-fotografu is-Sur Runza u jittieħed ritratt tal-membri kollha flimkien.

19.9.24 Il-Membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 19.5 Rapporti

19.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ fil-kamra lill-Accountant tar-Reġjun, lis-Sur Daniel Galea, sabiex jiġu ppreżentati il-*Financial Quarterly Report* għall-ewwel disa' xhur tas-sena 2018 kif ukoll l-Estimi annwali għas-sena 2019.

19.5.2 Wara spjegazzjoni dettaljata dwar ir-rapport finanzjarju, il-membri preżenti unanimament approvaw dan ir-rapport.

19.5.3 Is-Sur Galea preżenta l-estimi annwali għas-sena 2019 u spjega kif għal sena oħra dawn l-estimi ma setgħux ikunu bbażati fuq allokazzjoni peress li l-ammont eżatt dwar l-allokazzjoni għadha mhux determinata.

19.5.4 Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, staqsa għalfejn ma ttieħidx f'kunsiderazzjoni l-ammont imsemmi u jiġi maqsum bejn il-ħames Reġjuni.

19.5.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li s-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet tistaqsi lid-Direttur għal Monitoraġġ u Support, lis-Sur Adrian Mifsud, dwar jekk l-ammont hux ser jinqsam bejn ħames jew sitt Reġjuni u jekk l-ammont huwiex ser ikun maqsum ugwalment.

19.5.6 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li lejn l-aħħar ta' Diċembru 2018, dan ir-Reġjun irċieva emejl mingħand id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, fejn dan ir-Reġjun ġie infurmat li ser isir *Performance Audit* lir-Reġjuni fil-bidu tas-sena 2019 mill-kumpanija Reanda Malta Ltd. Għal din ir-raġuni, is-Sur Adrian Mifsud informa lil dan ir-Reġjun li dettalji dwar l-

allokazzjoni ser jingħataw biss wara li jkun sar dan l-awditjar.

19.5.7 Is-Sur Michael Fenech Adami żied jgħid li qabel ma wasal għal laqgħa tar-Reġjun, kien qiegħed preżenti fil-laqgħa ta' l-AKL fejn hu staqsa x'ser jiġri mir-Reġjuni. Huwa spjega kif aktarx i-numru ta' Reġjuni ser jibqa' l-istess. Kif ukoll, it-terminu tal-President ser ikun estiż għal tliet snien oħra sabiex ikun *in-line* ma' l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

19.5.8 Ir-rapport bl-estimi annwali ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

19.5.9 ***18:53pm – il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, skuża ruħu mill-laqgħa.***

19.5.10 Il-President irringrazzja lill-Accountant, is-Sur Daniel Galea, talli għal darb'oħra tagħna spjezzjoni dettaljata tal-pożizzjoni finanzjarja ta' dan ir-Reġjun.

## 19.6 Prezentazzjoni dwar SUMP minn rappreżentanti tat-TM

19.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ lir-rappreżentanti minn TM sabiex jitkelmu dwar l-proġett tal-UE, SUMP. Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sur Peter Paul Barbara, flimkien mas-Sur Luke Genuis, is-Sinjorina Alexandra Ellul, is-Sinjorina Ritianne Buhagiar, is-Sur Victor Battistino.

19.6.2 Il-Project leader ta' dan il-proġett, is-Sur Peter Paul Barbara, ta introduzzjoni qasira fejn spjega x'jikkonsisti l-proġett bl-isem SUMP – *Sustainable Urban Mobility Plan*, fejn TM kienet l-ewwel li qed tibbenifika minn dawn il-fondi. Hu spjega kif il-punt ta' tluq kien billi saru diversi laqgħat ma' l-istakeholders fil-lokalitajiet magħżula sabiex jiġu identifikati l-problemi li jinstabu preżentament. Wara li jkunu ġew identifikati dawn il-problemi, iridu jinstabu miżurai sabiex jidħlu fis-seħħ b'mod permanenti. Dan il-proġett l-ewwel għażel il-Belt kif ukoll il-lokalitajiet li jmissu magħha peress li kull miżura li tiġi mplimentata fil-Belt, ser jiġu affetwati l-lokalitajiet tal-madwar.

19.6.3 Wara din l-introduzzjoni s-Sur Barbara ppreżenta lill-Perit li qed jieħu ħsieb l-istudju, Dott. Antoine Zammit sabiex jgħati ftit informazzjoni dwar l-informazzjoni li qedha tinġabar fuq dan is-suġġett.

19.6.4 Dott. Zammit informa lill-membri preżenti dwar kwestjonarju li kien intbagħat lil kull Kunsill Lokali sabiex jiġu identifikati l-problemi li hemm fil-lokalita' rispettiva sabiex b'hekk jiġu identifikati miżuri adekwati. Sfortunatament ma kienx hemm rispons mingħand il-Kunsilli Lokali.

19.6.5 Għal din ir-raġuni, il-President issuġġerixxa lil TM jibgħat il-kwestjonarju lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun sabiex tieħu ħsieb li kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun ikun ippreżenta dan il-kwestjonarju.

19.6.6 Il-Presidenti irringrazzja lir-rappreżentanti minn TM li attendew din il-laqgħa u ħeġġeġ lill-membri sabiex jikkooperaw.

## 19.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

19.10.1 Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 16A u 16B.

19.10.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 19.11 Mozzjonijiet

19.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 19.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.12.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2019, fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 21 ta' Marzu, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |